IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 47

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (5:30pm) nhar **it-Tnejn 18 ta' April 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**47.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

47.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 46 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**47.3 Korrispondenza**

47.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lill-Onor. Glenn Bendingfield sabiex juri d-diżapprovazzjoni tiegħu dwar l-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għar-Restawr ta' Postijiet jew Monumenti storiċi, liema skema l-kunsilli tal-Kottonera ma jistgħux jibbenefikaw minnha.

47.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jean Pierre Gelac mill-Kunsill ta' Parisot fi Franza dwar id-dati proposti għall-attività tal-ġemellaġġ. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li d-dati jkunu bejn l-24 u s-26 ta' Ġunju 2022 u għaldaqstant intbagħtet konferma ta' dan lill-kunsill ta' Parisot.

47.3.3 Preżentata korrispondenza relatata mal-panelli fuq il-Berġa tal-Ingilterra, mibgħuta mill-Perit Claude Busuttil dwar il-*minor amendment* li sar minħabba l-panelli li se jiġu nstallati fuq l-istess berġa. Fost oħrajn, il-kunsill irċieva n-notifika li tgħid li dan il-*minor amendment* ġie approvat.

47.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sinjura Charlene Cassar dwar il-parkeġġi li se jkunu riservati għall-karozzi elettriċi u li magħhom se jkun hemm *charging pillars* apposta.

47.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Degabirele mill-Malta Libraries dwar il-ġimgħa ddedikata lil-libreriji. Is-Sur Degabiele informa lill-kunsill li xi impjegati tal-Malta Libraries se jkunu qed iduru fil-monti tal-Birgu iqassmu xi flyers relatati u għaldaqstant, jekk hemm xi kunsilliera li jixtiequ jmorru magħhom, jistgħu jagħmlu dan.

47.3.6 Preżentati l-ittra ta' awgurju u l-invit għat-tnehid tal-ktieb Survivors, mibgġuta lill-Ministru Jo-Etienne Abela, Ministru għall-Anzjanità Attiva,.

47.3.7 Preżentat il-*Grant Agreement* dwar il-proġett tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi mill-fond tal-*Erasmus+ and European Solidarity Corps*. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat tfakkira lis-Segretarju taż-Żgħażagħ Dumnikani li huma wkoll kienu fiċ-ċans li japplikaw għal proġett mill-istess fond.

47.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port dwar laqgħa li għaliha huwa mistieden rappreżentant tal-kunsill jew il-kunsillier responsabbli mill-kultura sabiex tiġi diskussa r-Regional Cultural Strategy..

47.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-uffiċjal għall-Ambjent fi ħdan ir-Reġjun Port, Zoe Jay Fletcher dwar il-laqgħa li kellha mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-possibiltà għall-parteċipazzjoni fil-EIT Urban Mobility Call for proposals sabiex jinxtara l-van tal-wheelchairs. Il-Viċi Sindku Chris Cassar propona li jekk ma jkunx possibli li minn din is-sejħa jinxtara l-van għall-wheelchairs, jinxtraw Electric Scooters biex jintużaw waqt il-lant tax-xogħol mill-ħaddiema tal-kunsill stess.

47.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-boroż il-griżi/ħodor li jitqassmu lir-residenti fejn jista' jagħti l-każ li xi drabi dawn ma jkunux provduti minħabba nuqqas ta' stock. Is-Sindku propona li jara kemm tkun l-ispiża biex il-kunsill jixtri u jqassam żewġ pakketti b'xejn lir-residenti kollha sakemm jaslu l-boroz mill-kumpanija tal-iskema. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Nadia Theuma dwar il-proġett MILLS – Mediterranean Innovation Living Lab Strategies sabiex il-kunsill juri l-interess tiegħu biex jipparteċipa. Dan il-proġett huwa kollu ffinanzjat u għaldaqstant ebda fondi ma jridu jinħarġu mill-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Vincent Cassar mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-ħsieb ta' proġett li l-Kunsill Lokali tal-Birgu għandu sabiex jinbidlu l-bozoz kollha fiż-żona ta' Fuq tal-Ħawli minn dawk antiki għal oħrajn LEDs li jaħlu ħafna inqas.

47.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-kunsill ta' Parisot dwar l-attività tal-ġemellaġġ fejn ġiet konfermata d-data ta' bejn l-24 u s-26 ta' Ġunju 2022 fost diversi affarijiet oħra.

47.3.14 Preżentata n-notifika mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-approvazzjoni tal-permessi li ġew sottomessi mis-sid tal-ħanut Sottozero Retail Ltd li fetaħ ħanut fi Triq San Lawrenz fil-Birgu. Fost dawn il-permessi, hemm inkluż li dan il-ħanut jagħmel ukoll imwejjed, siġġijiet u umbrelel quddiem il-ħanut. Is-Sindku qal li l-unika korrispondenza li waslet il-kunsill hija din tal-approvazzjoni tal-permessi biss u ebda korrispondenza oħra ma waslet meta saret l-applikazzjoni tal-permessi. Is-Sindku żied jgħid li se jkun qed ikellem lil sid il-ħanut sabiex iżid in-numru ta' dustbins peress li dawk preżenti diġà qed ikunu imfawwrin u mhux ilaħħqu mad-domanda. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Castillo, Segretarju tal-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu fejn qed jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-għaqda ser tgħaddi mitt Ewro (€100) donazzjoni għall-monument ta' Ġorġ Agius.

**47.4 Aġġornament dwar diversi proġetti**

47.4.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-ġibjun ta' taħt il-Berġa ta' Franza kien se jibda fil-ġranet li ġejjin u mistenni jkun lest lejn l-aħħar ta' Mejju jew bidu ta' Ġunju.

47.4.2 Is-Sindku ta' aġġornament fuq ix-xogħol tal-bandli fejn fost oħrajn għandu jibda jitwaħħal l-apparat tal-bandli, l-arbli u l-fanali u finalment it-tapit li issa kellu jsir fiż-żona kollha tal-bandli barra n-nofs fejn hemm l-imprint concrete. Is-Sindku qal li l-pjanti inbidlu tul dawn l-erba' snin li l-kunsill ilu jistenna li jsir ix-xogħol mill-ħaddiema mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet tal-Gvern u kif sar ix-xogħol, ma jistax ma jsirx tapit fiż-żewġ żoni tal-ġenb fejn hemm l-apparat tal-bandli għax inkella jkun ta' periklu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li dan isir.

47.4.3 Is-Sindku qal li x-xogħol fi Triq il-Ħabs l-Antik kien miexi sew u kien wasal ukoll biex jitlesta. Is-Sindku qal li waqt li beda jsir ix-xogħol tal-imprint concrete, kien jeħtieġ li jsiru xogħlijiet addizzjonali sabiex ix-xogħol isir kif suppost.

47.4.4 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-Ġnien tal-Glażiż ma kellu ebda aktar aġġornamenti u għaldaqstant kien se jikkuntatja lis-Sur Richard Bilocca sabiex jara fiex wasal il-proċess sabiex jinbeda dan il-proġett tant mistenni.

**47.5 Proġetti tal-Unjoni Ewropea**

47.5.1 Is-Sindku qal li bejn it-2 u s-6 ta' Ġunju se jattendi għall-konferenza tal-proġett WIVAS f'Ċipru. Din il-konferenza kellha ssir fis-sena 2020 iżda ġiet trasferita minħabba l-pandemija. Flimkien miegħu ser tattendi s-Sinjura Denise Gauci Mazzelli.

47.5.2 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi għal taħriġ fuq Governanza Tajba fin-Norveġja bejn id-9 u t-13 ta' Mejju finanzjat mill-Fondi Norveġiżi. Is-Sindku qal li jekk hawn min hu interessat li jattendi, għandu javża lis-Segretarju mill-aktar fis possibli.

47.5.3 Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku u lill-kunsillier is-Sur Anton Gellel sabiex jattendu għar-raba' konferenza tal-proġett ActivEU li se ssir fl-Italja. Dan il-proġett huwa finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

**47.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

47.6.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li bħala għajnuna lis-sidien tal-ħwienet, permessi għal imwejjed u siġġijiet għal nhar l-Għid il-Kbir, kienu se jinħarġu b'xejn bħala inċentiv minħabba l-pandemija. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.6.2 Is-Sindku qal li inviti li jaslu ġurnata qabel avveniment ma kinux aċċettabbli. Dan intqal b'referenza għall-inviti mibgħuta mill-Pirjol Aaron Zahra f'isem il-Knisja tal-Lunzjata, ġurnata qabel ma ssir xi attività/avveniment. Is-Sindku qal li diffiċli li wieħed jattendi jekk ikun infurmat ġurnata qabel biss.

47.6.3 Il-Kunsillier s-Sur Jason Portelli qal li bħalissa fil-Birgu tinħass ċerta pika żejda bejn iż-żewġ festi. Għaldaqstant hu jissuġġerixxi li jekk hemm bżonn, ankè jekk jidħol fiha huwa, il-kunsill ikun mezz ta' medjazzjoni bejn iż-żewġ festi. Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li jidher li l-akbar pika tinħass bejn iż-żewġ kazini tal-banda u għaldaqstant issuġġerixxa li għall-ġemellaġġ ta' Parisot, jiġu mistiedna l-President u s-Segretarju taż-żewġ każini tal-banda tal-Birgu sabiex permezz ta' dan il-ġemellaġġ, tittieħed l-okkażjoni li jitkellmu u titjieb is-sitwazzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.6.4 Is-Sindku reġa' tkellem fuq il-proġett tat-Torri tal-Arloġġ. Is-Sindku spjega li qabel ma jiġu mressqa l-pjanti għall-permessi, il-pjanti se jgħaddu għand il-kunsill biex ikunu approvati.

47.6.5 Is-Sindku qal li reġa' ġie avviċinat mis-Sur John Galea li joqgħod fi Triq it-Torri ta' San Ġwann rigward il-ħsara tad-dranaġġ li għandu, liema ħsarat ġew ikkawżati meta sar ix-xogħol tal-pavimentar tat-triq.

47.6.6 Il-Kunsiller is-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Kardinal, quddiem il-garaxx tas-Sur Oscar Adami, kienet inqagħlet it-triq biex issir trinka, u meta nqagħlu l-kubetti ta' taħt il-bankina, dawn ma reġgħux twaħħlu kif suppost u ntilfu minnhom.

47.6.7 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li f'dik il-parti li beda ħiereġ l-ilma minn taħt it-triq fi Triq La Vallette u li ġiet irranġata l-ħsara, għadha mħarbta u mingħajr tarmac.

47.6.8 Il-Viċi Sindku Chris Cassar ġibed l-attenzjoni li l-Irxoxt tal-Parroċċa ta' Bormla nhar l-Għid il-Kbir, baqa' dieħel bil-ġirja fil-konfini tal-Birgu qrib Cafè Riche. Is-Sur Cassar ressaq diversi filmati li ntwerew fil-laqgħa fejn kienet evidenti li l-istatwa tal-Irxoxt baqgħet dieħla fil-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li din l-aħbar kienet diġà qed timxi man-nies peress li dawn il-filmati dehru fuq il-media soċjali. Is-Sindku qal li se jkun qed jibgħat ittra lis-Supretendent tal-Għassa ta' Bormla sabiex inċidenti bħal dawn ma jerġgħux isiru. Din l-ittra tkun ikkupjata lill-Arċiprieti ta' Bormla u tal-Birgu kif ukoll lill-Kunsill Lokali ta' Bormla. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.6.9 Is-Sindku qal li fuq il-media soċjali sab grupp li qed jgħid li Ġorġ Agius, l-Għannej tal-Mulej, se tibda t-triq għall-beatifikazzjoni tiegħu. Il-kunsillier Jason Portelli qal li hu filfatt ra dan il-grupp u għamel 'share' tiegħu.

47.6.10 Is-Sindku qal li sab informazzjoni li Servizzi Ewropej f'Malta tgħin sabiex jingħataw fondi għal restawr ta' oġġetti kulturali u ħwejjeġ oħra. Is-Sindku qal li jekk hu possibli, tingħata għajnuna lis-Sorijiet tal-Klawsura sabiex isir restawr minn ġewwa tal-Kappella, fosthom l-artal maġġur u l-prospettiva tiegħu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

47.6.11 Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li t-tnehdija tal-ktieb Survivors, it-tieni volum, kienet se ssir il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2022 fis-6:00pm fis-Sala

Egmont fil-Forti ta' Sant Anġlu. Is-Sindku qal li se jqassm l-inviti lill-familjari tan-nies li jinsabu fil-ktieb u dakinhar ser titqassam kopja waħda b'xejn lil kull anzjan li jinsab fil-ktieb jew lil membru tal-familja fil-każ fejn sfortunatament, il-persuna tkun diġà mietet. Is-Sindku qal ukoll li għal din l-okkażjoni, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo-Etienne Abela se jkun mistieden.

**47.7 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

47.7.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 39** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6275** sa **BOV 6288, HSBC9818** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**47.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 13 ta` Ġunju 2022 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: **13 ta' Ġunju 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |